# 147. It-Tabib

Eluf ta' polzijiet kien ħass bis-sabar
fil-professjoni,
u fl-aħħar messu
il-polz ta' ommu.
B'idejh stenduti fuq is-sodda bajda
qabad il-polz
u beda jgħodd
tektika wara l-oħra.
u ħassu jonqos,
jonqos,
bil-mod il-mod,
bil-mod il-mod
sakemm sa fl-aħħar
waqaf għal kollox;
u qal: "Ommi spiċċat għal dejjem!"
U flok ma telaq, kik kien jagħmel soltu,
qagħad jibki ħdejn is-sodda,
u jistenna
l-Anġli tal-faraġ.

Għad jgħaddi ż-żmien,
u tul il-professjoni
iħoss eluf ta' polzijiet bis-sabar;
'mma fosthom kollha
jiftakar wieħed
qed jonqos
qed jonqos,
sakemm jintefa għal kollox,
u ġo qalbu
iħoss il-baħħ
li ma jimtela qatt,
qatt,
qatt!